

## II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) NRU 1320/2011

tas-16 ta' Diċembru 2011

**li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja.
- (2) Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni fil-Bjelorussja, għandhom jiġu inklużi persuni addizzjonal fil-lista ta' persuni

fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi kif stabbilita fl-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 765/2006,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-persuni elenkti fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jiżidiedu mal-lista li tinsab fl-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 765/2006.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kunsill**Il-President*

T. NALEWAJK

<sup>(1)</sup> ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.

## ANNESS

**Persuni msemija fl-Artikolu 1**

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Post u data tat-tweldi	Pożizzjoni
"1.	Bandarenka Siarhei Uladzimiravich  Bondarenko Sergei Vladimirovich	Бандарэнка Сяргей Уладзіміравіч	Бондаренко Сергей Владимирович	Indirizz: Department of law of administration of Pervomaysky district Chornogo K. 5 office 417  Tel.: +375 17 2800264	Imħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Pervomaiski ta' Minsk. Fl-24 ta' Novembru 2011 huwa ssentenza lil Ales Byalyatski, wieħed mill-aktar difensuri prominenti tad-drittijiet tal-bniedem, Kap taċ-Ċentru Bjelorusu tar-Riżorsi Umani "Vyasna", Viċi President tal-FIDH. Il-proċess tmexxa b'mod li kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Penali.  Byalyatski kien attiv fid-difiża u l-għoti ta' assistenza lil dawk li sofrew minn repressjoni relatata mal-elezzjonijiet tad-19 ta' Diċembru 2010 u r-repressjoni fuq is-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.
2.	Saikouski Uladzimir  Saikovski Vladimir	Сайкоўскі Уладзімір	Сайковский Владимир	Indirizz: Department of law of administration of Pervomaysky district Chornogo K. 5 office 417  Tel.: +375 17 2800264	Prosekurur pubbliku tal-Qorti Distrettwali ta' Pervomaiski ta' Minsk. Huwa tratta l-proċess ta' Ales Byalyatski, wieħed mill-aktar difensuri prominenti tad-drittijiet tal-bniedem, Kap taċ-Ċentru Bjelorusu tar-Riżorsi Umani "Vyasna", Viċi President tal-FIDH. L-akkuża ppreżentata mill-prosekurur fil-proċess kellha motivazzjoni politika ċara u imminentni u kienet vjolazzjoni ċara tal-Kodiċi ta' Proċedura Penali.  Byalyatski kien attiv fid-difiża u l-għoti ta' assistenza lil dawk li sofrew minn repressjoni relatata mal-elezzjonijiet tad-19 ta' Diċembru 2010 u r-repressjoni fuq is-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika."